# Patri Ġużepp M. Abela

**P. Manwel Schembri O.C.D.**
*Provinċjal*



*Din is-sena jaħbat it-325 sena mit-twelid ta' Patri Ġużepp M. Abela (2/11/1787-11/1/1868) Karmelitan Tereżjan. Dan il-patri kien minn Ħal Għaxaq u kien għalliem bravu ħafna u ta ħafna lezzjonijiet lil bosta saċerdoti li baqgħu jissemmew sal-lum u kien għamel żmien Superjur Tereżjan mad-dinja kollha. Għalhekk ġie mqabbad Patri Manwel Schembri O.C.D. Provinċjal biex jatina profil iddettaljat fuq dan il-patri u bix-xieraq li jitwaħħal xi nkwatru tiegħu fis-sagristija tal-knisja tagħna.*

P. Ġużepp M. Abela tal-Qalb ta' Ġesù (Giuseppe, Għaxaq 2/11/1787-11/1/1868 Bormla) Ġeneral tal-Ordni. Bin Gejtu u Marija Saliba. Orinazzjoni fil-21 ta' Diċembru1811 mill-Isqof Ferdinando Mattei.

Hu għamel l-istudji tiegħu fis-seminarju tal-Imdina. Ftit wara l-ordinazzjoni tiegħu, beda jgħallem fil-klassijiet għoljin tas-seminarju. Minħabba saħħtu, Dun Ġużepp kellu jħalli din il-missjoni, sakemm ħa saħħtu mill-ġdid u f'Ħaż-Żabbar fetaħ dkola għall-kjeriċi u l-lajċi ta' dawk l-inħawi. Minn Ħaż-Żabbar mar il-Belt u beda jagħti lezzjonijiet tal-grammatika, rettorika u filosofija. Fi ftit xhur ġibed lejn daru għadd ta' erwieħ, fosthom il-Beatu Nazju Falzon u Mons. Pawlu Micallef, għal xi żmien Ġeneral tal-Ordni Agostinjan u mbagħad Arċisqof ta' Pisa. Ma naqasx milli jgħin lil għajru b'kull mod u sar imfittex ħafna għall-pariri siewja tiegħu u għad-direzzjoni spiritwali.

Fl-età ta' 46 sena għamel il-fehma li jidħol Patri Karmelitan Tereżjan. F'Awwissu 1833 tela' Ruma u talab li jiġi aċċettat fl-Ordni bħala membru tal-Kongregazzjoni Taljana ta' S. Elija. Beda n-novizzjat tiegħu fit-12 ta' April 1834 ġewwa S. Maria delle Scala, fi ħdan il-Provinċja Rumana. Ipprofessa solenni fit-13 ta' April 1835. Ftit wara ntbagħat jgħallem il-filosofija fil-kunvent ta' Caprarola. F'Mejju 1839 ġie magħżul Surmast tan-novizzi, u għalhekk mar mill-ġdid S. Maria delle Scala. Bilkemm kienet għaddiet sena meta nħatar Pirjol tal-istess kunvent, b'dispensa mill-Kunsill Provinċjali minħabba li kien għadu m'ilux sitt snin profess.

Id-Definitorju għażlu bħala Prokuratur Ġenerali tal-Ordni fit-30 ta' April 1842. Ftit wara ngħata wkoll l-uffiċċju ta' ekonomu tad-Dar Ġenerali, il-monasteru ta' Ronciglione, u l-kunvent tal-Għolja tal-Karmelu. F'dan iż-żmien tfasslu istruzzjonijiet biex waqt li t-tmexxija tal-ħajja reliġjuża fil-kunvent tal-Karmelu u l-amministrazzjoni interna tiegħu tħalliet f'idejn il-Vigarju tal-Għolja, ir-Ruman F. Giovanni Battista Casini ntgħażel prokuratur bil-mandat li jiġbor il-fondi meħtieġa għall-Għolja tal-Karmelu. Meta bdew iqumu dubji dwar l-opportunità li jkun hemm novizzjat f'Bormla, ġie mressaq quddiem id-Definitorju d-dokument li bih il-Kongregazzjoni għad-Dixxiplina tar-Regulari kienet waqqfet għall-ewwel darba l-kunvent f'dar tan-novizzjat fit-3 ta' Ottubru 1790. P. Ġużepp M. ħa sehem f'dawn iż-żewġ laqgħat tad-Definitorju, bħalma kien għamel f'tant oħrajn.

Fil-karigi li kien fihom, P. Ġużepp M. ken jistħoqqlu dejjem kull tifħir għad-dedikazzjoni, l-għaqal u l-għerf tiegħu. Hekk kif kien se jtemm il-ħidma tiegħu bħala Prokuratur Ġenerali, ġie magħżul Superjur Ġenerali fl-24 ta' April 1847. Aċċetta din il-kariga fuq insistenza tal-Kardinal Giuseppe Mezzofante, il-protettur tal-Ordni li kien qiegħed jippresiedi l-elezzjonijiet tal-Kapitlu.

Bħala Ġeneral, P. Ġużepp M. Abela kien responsabbli għall-ħajja u l-ħidma tal-Ordni f'kull naħa tad-dinja 'l barra minn Spanja. Kien juża l-prudenza meta jitratta l-affarijiet ta' kull xorta tal-Ordni u ma naqasx milli jipprovdi għall-ġejjieni bit-tfassil ta' proġetti preċiżi u mwieżna tajjeb, bħalma kien għamel dwar it-tmexxija reliġjuża u finanzjarja tal-Għolja tal-Karmelu. Ħareġ istruzzjonijiet dwar l-awtorità tad-Definitorju Ġenerali u dwar il-ħajja komuni. Ta' min isemmi wkoll li kien Patri Ġużeppi M. li, flimkien mad-Definitorju tiegħu,

ta l-permess biex Herman Cohen li kien ikkonverta mill-Ġudaiżmu jirċievi l-libsa Karmelitana Tereżjana u jipprofessa fil-provinċja ta' Aquitaine, fi Franza.

Meta kien Ġeneral għamel vista ġenerali tal-kunventi u l-monasteri tal-Ordni mxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja, li fiha dam 15-il xahar (Lulju 1850 - Ottubru 1851). Il-Kronaċi tal-kunvent ta' S. Tereża jgħidu li wasal Malta fit-22 ta' Settembru 1851, u jidher li dam hawn xi xahar. Il-patrijiet għamlu pittura *ad vivum* tal-Ġeneral, li llum tinsab imdendla fis-sagristija tal-Knisja ta' S. Tereża, fuq xewqa tal-komunità (1852).

P. Ġużepp M. kien l-ewwel Ġeneral li żar l-Għolja tal-Karmelu u għamel hemm l-ewwel Vista Kanonika fl-1851. Din iż-żjara kienet ta' siwi kbir għaliex kiteb liġijiet u digrieti ġodda fuq il-ħajja reliġjuża. Dawn il-liġijiet u digrieti ġew aktar tard imdaħħlin fl-Atti u fl-Ordinazzjonijiet tal-Kapitlu u tad-Definitorju Ġenerali, u sal-lum għadhom jiġu mħarsa mill-patrijiet fuq l-Għolja tal-Karmelu.

Bħalma f'Malta P. Ġużepp M. kien id-direttur spiritwali ta' bnedmin bħal Nazju Falzon, hekk ukoll f'Ruma kiseb il-fiduċja u l-imħabba ta' Piju IX, li kemm-il darba talab id-direzzjoni tiegħu fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Malli fl-1853 temm is-sitt snin tal-ġeneralat tiegħu, għażel li jiġi lura pajjiżu biex jgħaddi fil-kwiet l-aħħar jiem ta' ħajtu. Fl-10 ta' Ġunju id-Definitorju Ġenerali għażlu Pirjol ta' Bormla u l-istess għamel tliet snin wara (1856-62). Miegħu, bħala Surmast tan-novizzi f'Malta, kien hemm P. Ċirillu Stivala ta' Omm Alla.

P. Ġużeppi M. għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fil-ġabra ta' kamartu u d-direzzjoni spiritwali. Kwalità li kienet tisboq fih kienet il-ħila li jara r-rieda ta' Alla f'kull sitwazzjoni u jilqagħha bl-umiltà. Ukoll meta l-mard ġie jżuru f'forma ta' ġerħa f'sieq! likkankrat aktarx minħabba d-dijabete, ma naqasx milli juri l-qawwa tiegħu u jibqa' umli. Miet u ġie midfun fil-kannierja tal-Knisja ta' S. Tereża, taħt l-altar maġġur. Il-Kronaċi tal-kunvent hekk jgħidu dwaru, *1868 -- (...) fl-għomor ta' 80 sena ħalla din id-dinja biex jingħaqad ma' Alla fis-Sema r-reliġjuż qaddis tagħna (P. Ġużepp M.) li minħabba l-virtijiet sbieħ tiegħu jistħoqqlu li jkollu post xieraq fil-ktieb tal-istorja ta' dan il-kunvent, u li t-tifkira tiegħu trid tgħaddi għand ħutu reliġjużi li għad jiġu warajh...*

*Acta Definitorii Generalis*

